MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2005

Appell Civili Numru. 1628/1997/1

**Standard Properties Limited**

**v.**

**Stephen Delicata u Delsons Limited solidalment bejniethom**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni prezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Lulju, 1997 gie premess mis-socjeta` attrici li permezz ta' skrittura datata 16 ta' Novembru, 1993 is-

socjeta` attrici bieghet lis-socjeta` konvenuta l-'istock' tal-hanut numru 79 – 80, Triq il-Kullegg l-Antik, tas-Sliema ghas-somma li kellha tigi stabbilita wara 'stock take' liema hlas kellu jsir fi zmien sentejn mid-data tal-iskrittura bl-imghax ta' tmienja fil-mija (8%) (Dok. A); illi dan il-bejgh sar lill-konvenut proprio u ghan-nom tas-socjeta` Delsons Limited; illi, oltre t-trasferiment ta' lis-'stock', il-konvenut proprio et nomine kellu jhallas is-somma ta' elfejn lira (LM2,000) u dana bhala pagament talli s-socjeta` attrici rrinunzjat ghall-kirja tal-hanut imsemmi favur il-konvenut pro et noe; illi, ghalkemm il-valur ta' lis-'stock' thallas, minn din is-somma l-konvenut pro et noe hallas biss tnejn u hamsin lira Maltin u tlettax-il centezimu (LM52.13); illi l-konvenut pro et noe ghandu jghati ukoll is-somma ta' disa' mija u hdax il-lira u wiehed u tmenin centezimu (LM911.81) ghas-servizz tat-telefon fl-imsemmi hanut liema servizz kien ghadu f'isem is-socjeta` attrici (Dok. B); illi, ghalkemm interpellat biex ihallas anke permezz ta' ittra ufficjali l-konvenut pro et noe baqa' inadempjenti; dan premess is-socjeta` attrici talbet li dik il-Qorti:-

1. tiddikjara lill-konvenut pro et nomine debituri tas-socjeta` attrici fis-somma ta' elf disa' mija u sebgha u erbghin lira Maltija u sebgha u tmenin centezimu (LM1,947.87) bilanc minn somma akbar raprezentanti hlas dovut talli s-socjeta` attrici rrinunzjat ghall-kirja favur il-konvenut pro et noe tal-hanut numru 79 u 80, Triq il-Kullegg l-Antik, Sliema, kif ukoll responsabbli ghall-hlas tas-somma ta' disa' mija u hdax il-lira u wiehed u tmenin centezimu (LM911.81) spejjes ta' servizz tat-telfon li kienu u ghadu jghajjtu lis-socjeta` attrici;
2. tikkundanna lill-konvenut proprio et nomine sabiex ihallas lis-socjeta` attrici l-istess somma ta' elf disa' mija u sebgha u erbghin lira Maltija u sebgha u tmenin centezimu (LM1,947.87).

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri bonarji tat-30 ta' Jannar, 1997, tat-28 ta' Jannar, 1997, tas-17 ta' Jannar, 1997, u tat-18 ta' Dicembru 1996, tal-ittra ufficjali datata 16 ta' Settembru, 1996 u tal-mandat ta' Sekwestru ppresentat kontestwalment u bl-imghax legali mid-data ta' l-istess ittra ufficjali sal pagament effettiv kontra l-konvenut proprio et nomine minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

B’nota pprezentata fid-9 ta’ Marzu 1999 il-konvenuti proprio et nomine eccepew

1. Fl-ewwel lok, illi huma m’humiex il-legittimi kontradditturi tas-socjeta` attrici, peress illi mhux minnu li huma qatt ikkontrattaw maghha.
2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-eccipjenti m’ghandhom jaghtu xejn lis-socjeta` attrici.

**Is-sentenza appellata.**

B’sentenza moghtija fit-2 ta’ Ottubru, 2002 il-Prim Awla tal-Qorti Civili iddisponiet minn din il-vertenza billi ddikjarat lill-konvenut proprio et nomine debitur tas-socjeta` attrici fis-somma ta' LM1,608.02 kif ukoll responsabbli ghall-hlas tas-spejjes ta' servizz tat-telefon wara is-16 ta’ Novembru, 1993 li kienu u ghadhom jghajtu lis-socjeta` attrici; u kkundannat lill-konvenut proprio et nomine sabiex ihallas lis-socjeta` attrici l-istess somma ta’ LM1,608.02. Bl-ispejjes kwantu ghall-kwart ghall-atturi u tlett kwarti ghall-konvenuti u dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“**Legittimi kontradditturi**

“Fl-ewwel eccezzjoni taghhom il-konvenuti qalu li m’humiex il-legittimi kontradditturi tas-socjeta` attrici, peress illi mhux minnu li huma qatt ikkontrattaw maghha.

“Ghalkemm fl-iskrittura a fol. 5 il-partijiet jidhru bhala Stephen Delicata pro et noe u minn naha l-ohra Standard Stationery Limited, fil fatt kienet il-kumpanija Standard Properties Ltd li bieghet l-istock lil Delicata u li Standard Stationery Ltd ma tezistix. Inoltre l-konvenuti dejjem hallsu lil Standard Properties Ltd l-ammonti fuq stock li kienu dovuti minnhom fuq dina l-iskrittura.

**“Solidarjeta`**

“Il-konvenuti qed jissottomettu (fin-nota taghhom, ghalkemm eccezzjoni formali f’dan is-sens ma nghatatx) li dwar is-solidarjeta` pretiza mill-atturi, minn imkien ma tirrizulta dina s-solidarjeta`. Huma qed ighidu li fid-Dok A a fol. 5, is-solidarjeta` tirreferi biss ghall-bejgh ta’ li stock, mentri d-domandi f’din il-kawza jirrigwardaw pretenzjonijiet ghal kollox differenti u ghalhekk kull konvenut ghandu jirrispondi separatament ghal kwalunkwe eventwali responsabilita` li tirrizulta.

“Fl-iskrittura a fol. 5 il-partijiet kienu Stephen Delicata ghan-nom ta’ Delsons Limited u f’ismu personalment solidalment bejniethom u minn naha l-ohra Standard Stationery (Properties) Limited. F’dan il-ftehim kien gie premess li Delsons Limited kienet ser tiehu l-lokazzjoni tal-fond 79 u 80 f'Old College Street, St. Julians minghand Philip Galea noe u kellhom jiehdu wkoll li stock. Dan ifisser li, (apparti l-kwistjoni jekk kienx hemm ftehim fuq rigal, liema kwistjoni ser tigi deciza aktar ‘l quddiem), dina l-iskrittura ma kienitx biss fuq Il stock, imma wkoll fuq il-lokazzjoni li kienet ser tigi ceduta u fuq partijiet, fejn il-konvenuti kienu qed jidhru f’dina l-iskrittura solidalment. Ghalhekk is-sottomissjoni tal-konvenuti f’dan ir-rigward ma tistax tigi milqugha.

**“Kontijiet tat-Telefon**

“Il-konvenuti qed isostnu li kull ammont ghal telefonati maghmula fiz-zmien li l-hanut kien qed jigi gestit mis-socjeta` konvenuta gie mhallas. Huma kienu qed ihallsu ratealment.

“L-atturi f’din il-kawza qed jitolbu li l-konvenuti jigu dikjarati responsabbli ghall-hlas tas-somma ta’ LM911.81 spejjez ta’ servizz tat-telefon li kienu u ghadhom jghajtu lis-socjeta` attrici.

“Mill-provi prodotti jirrizulta li qabel ma l-konvenuti hadu l-hanut f’Novembru, 1993 kien hemm arretrati li kienu dovuti mill-atturi fl-ammont ta’ LM339.95 (ara xhieda Paul Busuttil) u li l-atturi fil-kors tal-kawza accettaw li

ghandhom jitnaqqsu mill-ammont ta' LM1,947.87 li qed jitolbu u ghalhekk is-somma giet ridotta ghal LM1,608.02.

"Minn naha l-ohra l-konvenuti qed jaccettaw li huma kellhom u skond huma hallsu l-ammonti l-ohra dovuti wara Novembru 1993. Paul Busuttil xehed li l-konvenuti kienu accettaw li jhallsu dana l-ammont bil-LM20 fix-xahar u bdew jaghmlu l-pagamenti.

"Ghalhekk it-talba ta' l-atturi ghad-dikjarazzjoni ta' responsabilita` ghandha tigi milqugha kif aktar 'l fuq spjegat.

**"Cessjoni tal-lokazzjoni.**

"L-atturi qed jitolbu li l-konvenut pro et noe jhallas is-somma ta' (LM2,000) talli s-socjeta` attrici rrinunzjat ghall-kirja tal-hanut imsemmi favur il-konvenut pro et noe.

"Il-konvenuti qed jichdu li kien hemm dan il-ftehim. Huma qed isostnu li l-atturi ma cedew ebda kirja lill-konvenuti u li kienu hadu l-kirja direttament minghand sid il-post.

"Illi skond l-iskrittura a fol. 5 l-konvenuti kienu ser jiehdu l-hanut imsemmi li qabel kien gestit mill-atturi (cioe` l-atturi kienu ser icedulhom il-post) u l-konvenuti ser jiehdu wkoll li stock. Illi skond il-ligi u l-gurisprudenza tal-Qrati taghna f'kaz ta' sullokazzjoni ma jkunx hemm inkwilin gdid imma sub-inkwilin u r-relazzjonijiet tieghu jkunu ma l-inkwilin u mhux mas-sid, mentri fil-kaz ta' cessjoni, jidhol inkwilin gdid, minflok l-inkwilin ta' qabel, u jkollu relazzjonijiet diretti mas-sid (Ara Vol LXX p 2 p. 375).

"F'dan il-kaz hekk gara, u naturalment l-atturi ppretendew u qed jippretendu li jithallsu talli cedew il-kirja lill-konvenuti allavolja fl-iskrittura Dok A ma jsemmiex rigal. L-atturi xehdu li kien hemm gentlemen's agreement li l-konvenuti kellhom ihallsu LM2,000 talli huma rrinunzjaw ghall-kirja kif ukoll sabiex ikopru ghal *fixtures* u *fittings* u ghall-ispejjes generali. Kien ftehim informali u ta' fiducja reciproka.

“Il-Qorti, wara li ezaminat il-provi kollha prodotti, u anke semghet viva voce lill-konvenut Stephen Delicata diversi drabi jixhed, tasal ghall-konkluzzjoni li fil-fatt kien hemm il-ftehim li semmew l-atturi, cioe` li l-konvenuti kellhom ihallsu LM2,000 talli l-atturi cedew il-kirja lill-konvenuti.

“Saret referenza ghal dawn il-LM2,000 mill-bidu nett (ara dokumenti a fol. 25 u 42) u dawn kienu parti mill-konteggi li saru bejn il-partijiet. Philip Galea u martu xehdu dwar l-ezistenza ta’ dan il-ftehim u li l-konvenut, qabel il-kawza, qatt ma nnega li kellu jaghti dana l-ammont imma biss kien ighid li ma kellux flus biex ihallas u ried iz-zmien minhabba d-diffikultajiet finanzjarji li kien fihom. Anna Galea anke xehdet li kienet irrifjutat offerta ta’ pagament ta’ flus minghand il-konvenuti billi l-ammont li kien qed joffri biex jaqta’ l-pendenza bejniethom kien zghir wisq.

“Il-konvenuti ssottomettew ukoll li huwa minnu li s-socjeta` konvenuta effettivament ghamlet *overpayment* ta’ LM52 fuq l-ammont originarjament dovut ghall *stocks* imma minn dana l-*overpayment* l-atturi ma jistghux logikament jigbdu il-konkluzzjoni li qed jipprovaw jaslu ghaliha. Minn dan l-*overpayment* l-atturi qed jigbdu l-argument li sar pagament akkont ta’ xi haga li l-konvenuti dejjem cahdu li qatt ezistiet u tidher eskluza kompletament mill-provi ohra cirkostanzjali.

“L-atturi qed isostnu li l-iskuza li gab il-konvenut dwar il-hlas akkont, fejn qal li ghamel *overpayment* ta’ li stock ma hiex kredibbli meta kellu diversi debiti ma terzi li ghadhom mhux imhallsin, bhal hlas ta’ kontijiet ta’ telefon u arretrati ta’ kera (ara xhieda Busuttil u Dr. P. Caruana Galizja).

“Il-Qorti hi tal-fehma li l-verzjoni tal-konvenut li ha lura dan l-*overpayment* permezz ta’ pjanti minghand il-hanut ta’ l-atturi m’hiex kredibbli. Fix-xhieda tieghu l-konvenut qal li meta kien ibiddel l-andament ta’ xi pagament minhabba xi sitwazzjoni dejjem ghamlu bi qbil mas-sidien, jew verbali jew anke permezz ta’ notament fuq ittra (ara fol. 135). Imma f’dana l-kaz il-konvenut ma gab ebda prova hew notament li kien hemm ftehim ma’ l-atturi, jew li l-atturi accettaw, li kien hemm xi *overpayment* u li hu kellu jiehu

lura dan l-allegat *overpayment* permezz ta' fjuri. Mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut ma kienx f'posizzjoni finanzjarja li kellu l-kumdita` u x-xelta li minflok jiehu lura flus jiehu fjuri minflok. Biss biss kellu kontijiet tat-telefon ghandhom (sic) mhux imhallsin.

"Inoltre jigi osservat li fix-xhieda tieghu l-konvenut l-ewwel jaghti verzjoni u jghid li kien ghamel overpayment u fl-istess xhieda jghid li fl-okkazzjoni minnhom kien ha fjuri <u>li ma kienx hallas</u> u mbaghad kien pacihom ma' l-allegat *overpayment.*

"Il-konvenut ma kienx semma dina l-kwistjoni tal-*overpayment* qabel meta kien qed jipprova jittransigi jew meta kiteb permezz ta' l-avukat biex jara x'kien l-ammont li kien qed jintalab minnu. Jekk il-konvenut ma kellu jaghti xejn ma kellux ghalfejn ipprova jittransigi diversi drabi ma' l-atturi."

**L-appell tal-konvenuti**

Il-konvenuti hassew ruhom aggravati bis-sentenza fuq riportata u b'rikors ipprezentat fit-18 ta' Ottubru 2002 talbu li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti tikkonferma l-istess sentenza in kwantu laqghet is-sottomissjoni ta' l-appellanti fir-rigward tas-somma ta' LM339.95 dwar hlasijiet tat-telephone dovuti mill-atturi u tirrevokaha in kwantu laqghet it-talbiet attrici, fis-somma ta' LM1,608.02 u kkundannat lill-appellanti jhallsu l-istess ammont lis-socjeta` attrici; b'dana li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-appellanti, bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici.

Is-socjeta` attrici appellata pprezentat risposta ghar-rikors intavolat mill-konvenuti fejn talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, is-sentenza fuq imsemmija tigi kkonfermata, bl-ispejjes tal-ewwel istanza kif decizi u tal-appell kontra l-appellanti.

Mir-rikors ta' l-appell tal-konvenuti jidher li l-aggravji minnhom mressqa huma s-segwenti:-

1. li sar apprezzament zbaljat tal-fatti u inghatat interpretazzjoni hazina tar-rizultanzi;

2. li l-ewwel Qorti skartat kompletament d-deposizzjoni ta’, u l-ispjegazzjonijiet moghtija minn, Stephen Delicata;
3. li l-Ewwel Qorti applikat b’mod skorrett il-ligi fir-rigward:-
a) tal-eccezzjoni tal-legittimu kontradittur;
b) tal-kwistjoni tas-solidarjeta` bejn il-konvenuti, u
c) tal-allegata cessjoni tal-kirja.

4. li l-Ewwel Qorti injorat ghal kollox is-sottomissjonijiet maghmula mill-appellanti.

**Ikkunsidrat:**

Qabel xejn huwa xieraq li jigu puntwalizzati s-sewgenti fatti:

a) Sa Novembru 1993 is-socjeta` attrici kienet tiggestixxi negozju ta’ stationery mil-fondi 79 – 80 Old College Street, San Giljan mehudin b’titolu ta’ kera minn ghand Marguerite Curmi.

b) Fl-1993, Philip Galea, direttur tas-socjeta` attrici, kien avvicina lill-konvenut biex jara jekk kienx interessat fil-hanut peress li hu kien ser jiehu hanut iehor gewwa Balluta. Wara xi titubazzjoni l-konvenut accetta.

c) Fis-16 ta’ Novembru, 1993 gew redatti minn Dr. David Tonna zewg skritturi. Wahda bejn il-kontendenti in konnessjoni mal-hlas tal-valur ta’ li *stock* li kien jinsab fil-hanut. Din tinsab annessa mac-citazzjoni bhala Dok A (fol. 5), u skrittura ta’ lokazzjoni tal-fond 79, Old College Street, San Giljan bejn Dr David Tonna in rapprezentanza ta’ Marguerite Curmi u Stephen Delicata li kien qed jidher ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Delsons Limited (fol. 34 et seq).

d) Jirrizulta li l-konvenuti onoraw l-obbligi naxxenti mill-iskrittura li kienet giet ifirmata bejn il-kontendenti billi l-ammont dovut bhala valur ta’ *stock* gie saldat, kif ukoll thallsu l-kredituri tas-socjeta` attrici.

e) Jirrizulta wkoll li fil-mori tal-proceduri in prim istanza l-konvenuti waslu f'arrangament mas-socjeta` Maltacom dwar xi arretrati ghas-servizz telefoniku.

Ikkunsidrat li fic-citazzjoni promotorja ma saret ebda talba ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas lis-socjeta` attrici ta' kontijiet tat-telefon, izda l-Qorti intalbet biss li tiddikjara li l-konvenuti kienu responsabbli ghall-hlas ta' somma rapprezentanti arretrati tas-servizz tat-telefon, liema somma giet likwidata fl-ammont ta' LM911.81. B'dak li gara fil-mori tal-kawza u bil-mod kif l-ewwel qorti ddisponiet minn din il-parti tal-vertenza, jidher li l-kwestjoni tal-arretrati tal-kontijiet tat-telefon illum hija sorvolata billi gustament il-konvenuti gew dikjarati responsabbli ghall-hlas, jekk hemm, ta' spejjez ta' servizz tat-telefon wara is-16 ta' Novembru, 1993, u cioe` wara li l-fond fuq imsemmi ghadda minn idejn is-socjeta` attrici ghal idejn is-socjeta` konvenuta.

Ghalhekk, apparti konsiderazzjoni ta' natura prettament legali dwar l-eccezzjoni tal-legittimu kontradittur, dwar is-solidarjeta` u dwar l-effetti tac-cessjoni tal-lokazzjoni, u apparti l-ilment immaginarju dwar il-mod kif l-ewwel Qorti skartat ix-xhieda u sottomissjoni tal-konvenuti, tibqa' biss li tigi kunsidrata l-kwistjoni proprja ta' bejn il-kontendenti u cioe` jekk fl-okkazzjoni tal-ftehim li ntlahaq bejn il-kontendenti, kienx hemm ukoll obbligazzjoni ta' hlas tas-somma ta' LM2000 kif previst fic-citazzjoni. In fatti fl-udjenza tat-8 ta' Ottubru, 1999 quddiem l-Qorti ta' Prim Istanza, hemm verbalizzat hekk: "Il-konvenut informa lill-Qorti li l-kontestazzjoni qieghdha fuq ir-rigal." Din kienet il-qalba tad-divergenza bejn il-kontendenti.

Dwar l-eccezzjoni tal-legittimu kontradittur jidher li din il-kwestjoni hija aktar apparenti milli reali. Infatti l-eccezzjoni hija marbuta mal-iskrittura Dok A ezebita mac-citazzjoni fejn tissemma' bhala wahda mill-kontraenti s-socjeta` Standard Stationary (recte Stationery) Limited, li ma tezistix. Din l-iskrittura pero` ma tikkoncernax il-hlas tar-regal ta' LM2,000 u hija limitata ghall-konsiderazzjoni ta' li *stock* li kien jinsab fl-imsemmi hanut gestit mis-socjeta` Standard Properties Limited. Ghalhekk, apparti l-izball

apparenti fl-isem tas-socjeta` ma kien hemm xejn skorrett meta s-socjeta` Standard Properties Limited, li effettivament kienet l-inkwilina tal-fondi in kwestjoni, agixxiet kontra l-konvenuti ghal hlas ta' dak li kien imwieghed lilha bhala kumpens ghar-rinunzja tal-lokazzjoni. Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat.

Dwar il-kwistjoni ta' solidarjeta` huwa rikonoxxut li din is-solidarjeta` ma tistax tigi prezunta u trid tirrizulta jew minn provvediment tal-ligi jew tkun miftiehma espressament bejn il-kontraenti[1]. Fil-kaz in ezami huwa minnu, kif irrilevaw il-konvenuti, li ma hemm ebda skrittura dwar l-hlas tas-somma ta' LM2000 u konsegwentement, ma jistax jinghad, skond il-konvenuti, li hemm xi ftehim specifiku u espress dwar solidarjeta` f'dan ir-rigward. Biss s-solidarjeta` ma tehtiegx kuntratt jew skrittura u, meta c-cirkostanzi jindikaw b'mod car li kienet intenzjonata din is-solidarjeta`, l-obbligati jkunu responsabbli in solidum favur il-kreditur. Issa fil-kaz in ezami jidher li l-ftehim principali bejn il-kontendenti kien jinnecessita`, da parti tas-socjeta` attrici, ir-rinunzja tal-lokazzjoni tal-fondi mizmuma b'kera. Minghajr din ir-rinunzja qatt ma setghet saret l-iskrittura ta' lokazzjoni bejn is-socjeta` konvenuta u sid il-kera. Fl-istess waqt jidher li l-obbligazzjoni ghall-hlas tal-valur ta' li *stock* giet assunta b'mod solidali mill-konvenut Stephen Delicata u s-socjeta` Delsons Limited. Isegwi li kull obbligazzjoni antecedenti u necessarja ghall-akkwist mis-socjeta` konvenuta tal-lokazzjoni tal-fond gja mikri lis-socjeta` attrici, ma setghetx tkun hlief taht l-istess kondizzjonijiet li l-partijiet ftehmu fir-rigward tal-hlas tal-valur ta' li *stock*. Kull konkluzzjoni ohra ma taghmilx sens. Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi michud.

Qed jigi sottomess ukoll li t-talba attrici fir-rigward tal-ammont reklamat bhala 'rigal' in konsiderazzjoni tac-cessjoni tal-lokazzjoni ma kellhiex tigi akkolta billi, kif gie sottomess fit-trattazzjoni orali, l-artikolu 1470 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jehtieg 'ad validitatem' li cessjoni issir bil-miktub. F'dan ir-rigward izda jigi rilevat li t-talba attrici ma hijiex bazata fuq l-istitut tac-cessjoni kontemplat fl-

---

[1] Ara Art. 1089 tal-Kap 16.

artikoli 1469 *et sequitur* tal-Kap 16. Infatti fil-premessi tac-citazzjoni jinghad espressament hekk: "*Peress illi oltre t-trasferiment ta' lis-'stock', il-konvenut pro et noe kellu jhallas is-somma ta' elfejn lira (LM2000) u* ***dana bhala pagament talli s-socjeta` attrici*** ***rrinunzjat*** ***ghall-kirja tal-hanut imsemmi favur il-konvenut pro et noe.***" Jirrizulta infatti li t-trattativi bejn il-kontendenti ma kienux indirizzati lejn cessjoni ta' drittijiet lokatizi izda kienu tali li, bir-rinunzja tas-socjeta` attrici ghad-drittijiet lokatizji taghha fuq il-fond in kwestjoni, qamet il-possibilita` ghall-konvenuti li jakkwistaw l-istess fond b'titolu ta' kera minghand is-sid. Effettivament hekk gara. Kieku s-socjeta` attrici ma rrinunzjatx ghad-drittijiet lokatizji taghha fuq il-fond il-konvenuti jew, kif fir-realta` gara, is-socjeta` konvenuta, ma kinitx tkun qatt tista` takkwista` l-kirja tal-fond in kwestjoni. Dan l-aggravju ghalhekk ma hux gustifikat.

**Ikkunsdrat:**

Dan premess kull ma jibqa' x'jigi kunsidrat huwa l-ezistenza o meno ta' l-obbligazzjoni assunta mill-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' LM2000. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal konstatazzjonijiet u konsiderazzjonijiet maghmula mill-ewwel Qorti u, wara li qrat b'attenzjoni l-provi prodotti, hija sodisfatta li l-konkluzjonijiet raggunti minn dik il-Qorti kienu korretti billi jirrispekkjaw dak li verament kien gie miftiehem bejn il-kontendenti, u ghalhekk mhux il-kaz li din il-Qorti tiddisturba l-istess konkluzjonijiet. Pero` b'zieda ma dak li rrilevat l-ewwel qorti jkun xieraq li jinghad ukoll li mill-korrispondenza ezebita jidher li l-konvenuti ma kienu bl-ebda mod sorprizi bit-talba attrici ghall-ammont imsemmi. Infatti jirrizulta li fis-16 ta' Settembru, 1996 il-konvenuti gew interpellati ufficjalment ghall-hlas tas-somma ta' LM1947.87, u cioe` l-istess ammont imsemmi fic-citazzjoni. B'dana kollu ma jirrizultax li f'dak li stadju, kif qed isir f'dawn il-proceduri, kien hemm xi cahda kategorika, kif wiehed kien jistenna, minn persuna li kienet qed issostni li ma kellhiex taghti. Ghal kuntrarju fis-17 ta' Jannar, 1997 il-konsulent legali tal-konvenuti kiteb lill-avukat tas-socjeta` attrici (Dok SP 4 fol. 41) u qallu

"*Minghajr pregudizzju ghad-drittijiet reciproci, nitolbok gentilment tghaddili 'breakdown' ta' kif il-klienti tieghek waslu ghall-ammont ta' LM1947.87 indikat fl-ittra ufficjali tieghek tas-16 ta' Settembru,1996, lis-Sur Delicata*." In segwitu ghal din it-talba il-konsulent legali tas-socjeta` attrici baghat ittra dettaljata lil Dott. Joseph Buttigieg, konsulent tal-konvenuti, fejn, fost affarijiet ohra, kienet tirrizulta s-somma ta' LM2000 mertu ta' din il-kawza. Ghal din l-ittra ma tirrizulta ebda risposta jew kumment. Dan l-aggravju ghalhekk ma jirrizultax sodisfatt.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-konvenuti qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjes, ta' din l-istanza, kontra l-konvenuti appellanti solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------